Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

# MINUTI
## Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida
## IT-TMIEN LEĠISLATURA
## Laqgħa Numru 11
## It-Tnejn 23 ta'Marzu

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz

## PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai : Sindku
Romina Galea : Viċi Sindku (online)
Jean Claude Borg : Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop : Kunsillier
Charles Selvaggi : Kunsillier
Alfred Farrugia : Kunsillier
Maurice Agius : Kunsillier (online)
Judy Sciberras : Kunsillier (online)
Emanuel Brincat : Kunsillier (online)

## ASSENTI B’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

## ASSENTI

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella : Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

**11.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

11.1.01 Minħabba is-sitwazzjoni tal-Covid 19 xi wħud mil-Kunsilliera kienu online.

**11.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

11.2.01 Il-Minuti tas-Seduta L8-10 ittieħdu bħala moqrija u kien hemm korrezzjoni fil-minuti 10.4.15
Il-minuti ġew approvati unanimament.

**11.3 Komunikazzjoni ta'natura urġenti mis-Sindku;**

11.3.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera u spjegat L-Inizjattiva tal-AKL dwar pjattaforma għal kunsilli kollha varata biex il-kunsill permezz ta'FB grupp YouSafeMsida jkun jista' jwassal messaġġi ta'appoġġ morali reċiproku bejn ir-residenti waqt l-emerġenza Covid 19.

11.3.02 B'referenza għal minuti 10.6.01 dwar verifika ta'kontijiet min kuntrattur Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera li dan ir-rapport ġie mgħoddi lid-Direttur għad-Dipartiment għall-Gvern Lokali fitt 28 ta'Frar 2020.

**11.4 Items ta'natura urġenti ta' Xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

11.4.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li wara li intalab u reġa' ħareġ rapport aġġornat fuq l-stat ta'parti min triq Achille Ferris.Il-Kunsill għamel talba lill TM biex din it-triq tingħalaq bil-bollards min naħa ta'Triq Viktor Denaro biex jitnaqqas ir-riskju ta' aktar ħsara strutturali.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li TM wara li kunsidrat ir-rapport immedjatament approvaw it-talba. Filwaqt li l-parti l-oħra ta'Triq K/M ma'Triq H Calleja Schembri hija One Way u saret nota temporanja sakemm teħel tabella fissa li l-aċċess huwa għall garaxx biss. Hawn kompla jispjega li għalkemm il-parkeġġ huwa problema kbira xorta hemm tħassib bil-parkeġġ eżistenti minħabba il-piż li qed jistrieħ fuq lis-struttura.

Il-kunsilliera ddiskutew u qablu unanimament li l-kunsill jieħu l-opinjoni u jimxi mal-parir tal-perit u ir-residenti jiġu mgħarfa.

11.4.02 B'referenza għall minuti 10.5.06 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar il- laqgħa li saret bejn ir-rappreżentanti tal-Kunsill u dawk tal-Għaqda għall- armar tal-Festa dwar il-monument li jfakkar il 150 anniversarju bħala San Guzepp patrun tal-knisja universali. Preżenti wkoll għal-laqgħa kien hemm Sinjuri Maurice Agius , Jean Claude Borg , Victor Tedesco, Gerald Frendo u Raymond Azzopardi. Ġew diskussi id-disinn tal-pedestall u tal-istatwa fejn semmew tibdil tal-id għall fuq l-spalla.

Is-Segretarju Ezekuttiv gibed l-attenzjoni li jekk dan huwa pjanat li jkun lest sa Ottubru il-kunsill barra l-permessi mehtiega ghandu bzonn jikunsidra wkoll il-process li jiehu tender biex dan ssir fejn spjeg kif iz-zmien li jaghdi sakem dan ikun deciz u ix-xoghol ikun jista jibda jinhadem.

**11.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

11.5.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda, l-iskeda K8-11 ta' ħlasijiet bejn Is-28 ta'Frar 2020 sa' 23 ta' Marzu 2020 għall-approvazzjoni tal-Membri.
L-iskeda ġiet proposta, mis-Sur Charles Selvaggi u s-sekondat mis-Sur Nicholas Joseph Chircop .
Il-Kunsilliera preżenti iddiskutew u approvaw unanimament

**11.6 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

11.6.01 Il-laqgħa ntemmet fis-6:10 ta' filgħaxija, u data għas-seduta li jmiss se tkun it-Tnejn 27 ta' April 2020 fil-5:30 p.m online

Minuti konfermati, illum 27 ta' April 2020

Margaret Baldacchino Cefai | Alan Vella

Sindku | Segretarju Eżekuttiv